**STQARRIJA MINISTERJALI MILL-PRIM MINISTRU L-ONOR. ROBERT ABELA B'RABTA MAL-AĦĦAR ŻVILUPPI INTERNAZZJONALI LI QED ISEĦĦU FIL-LVANT NOFSANI U L-GOLF GĦARBI**

**ONOR. ROBERT ABELA (Prim Ministru):** Sur President, ġejt hawnhekk fil-Parlament biex nagħmel din l-Istqarrija Ministerjali quddiem l-aħħar żviluppi internazzjonali li qed iseħħu fil-Lvant Nofsani u l-Golf Għarbi. Sitwazzjoni ta' sfida ġeopolitika kbira li qed testendi saħansitra fil-Mediterran hekk kif għandna wkoll Stat Membru tal-Unjoni Ewropea milqut; qed nalludi għal Ċipru.

Sur President, hija sitwazzjoni li tħassbek mhux ftit meta tara kif iseħħu dawn l-iżviluppi u kif siegħa wkoll hija twila f'dak li qed naraw jiġri madwarna. Ilkoll nafu li l-kriżi tal-Lvant Nofsani ilha tbaqbaq. Bħalissa taħraq nar. Konna nafu li s-sitwazzjoni bejn Iżrael u l-Ħamas f'Gaża kienet waħda li se testendi. L-ewwel imxiet anki għax-Xatt tal-Punent, fejn hemmhekk għad hemm sitwazzjonijiet ta' settlers Lhud li qed jieħdu l-art b'idejhom mingħand il-Palestinjani. Kellna l-gwerra fil-Libanu mal-Hezbollah, grupp ieħor terroristiku meqjus bħala proxy tal-Iran. Fl-istess waqt il-militanti Houthi mill-Jemen ukoll daħlu f'konfront mal-Iżrael.

Għal ħafna miż-żmien l-attenzjoni internazzjonali ta' kulħadd kienet fuq is-sitwazzjoni umanitarja f'Gaża, u bir-raġun. Is-sitwazzjoni hemmhekk għadha mwiegħra u ejjew ma nilludux ruħna li s-sofferenzi tal-poplu Palestinjan intemmu. Poplu Palestinjan li ma jaħti xejn għall-azzjonijiet tal-Ħamas, li wettaq l-attakki brutali tas-7 ta' Ottubru 2023 li aħna nikkundannaw bil-qawwa.

Sur President, bħala pajjiż, aħna anke meta rrikonoxxejna l-Istat Palestinjan f'Settembru li għadda, meta kienet qed titlaqqa' t-80 Assemblea Ġenerali tan-Nazzjonijiet Uniti fi New York, tkellimna b'mod ċar u inekwivoku. Aħna rrikonoxxejna l-Istat Palestinjan għax tassew nemmnu fil-paċi, fis-Soluzzjoni taż-Żewġ Stati fejn żewġ popli differenti jistgħu jgħixu biswit xulxin fil-paċi u l-progress. U dan għamilnieh filwaqt li konna ċari li fl-Istat futur Palestinjan m'hemmx post għal grupp bħalma huwa l-Ħamas li wettaq dawk l-attakki brutali.

Mela ma kontx konxju, Sur President, tal-argumenti favur u kontra! Però dan ir-rikonoxximent għamilnieh b'tant kuraġġ għax id-deċiżjonijiet trid teħodhom, u aħna d-deċiżjonijiet, anke meta jkunu diffiċli ħafna, bħalma kienet dik, neħduhom u neħduhom b'responsabbiltà. U ħadniehom fl-interess tal-umanità. U ħadniehom ukoll fl-interess tal-Għawdxin u l-Maltin kollha. Ħadniehom bħala Stat Membru tan-Nazzjonijiet Magħquda u bħala pajjiż rispettat sew mill-komunità internazzjonali, u għax aħna nemmnu bis-sħiħ li l-ebda bniedem m'għandu jitħalla jgħix fil-biża', fil-ġuħ jew fl-għaks.

Imma issa, Sur President, ilkoll nafu li l-gwerra kompliet tinfirex b'aktar qilla, u f'postijiet li issa ġew attakkati b'mod indiskriminat u li ma kellhom x'jaqsmu xejn mal-konflitti li qegħdin naraw iseħħu madwarna. Il-ġlied bejn Iżrael u l-Iran ilu ħafna għaddej, u fl-aħħar xhur rajna l-intervent Amerikan bil-għan li tiġi nnewtralizzata l-kapaċità Iranjana fl-armi nukleari.

L-attakki li seħħew fis-sigħat bikrin tas-Sibt, fejn imbagħad ġie kkonfermat il-qtil tal-Mexxej Suprem tal-Iran, komplew ibaqbqu lil dan ir-reġjun. Forsi kien hemm min jaħseb li dan kollu se jaqleb il-folja għaliex fl-aħħar snin rajna wkoll poplu Iranjan jiġġieled kontra l-oppressjoni mir-reġim f'pajjiżu. Imma nafu li minkejja l-eliminazzjoni ta' figuri ewlenin tar-reġim, l-Iran għadu ta' theddida.

Pajjiżi u bliet oħra assoċjati mal-ħajja rilassanti, kummerċjali u li toffri divertiment fil-Golf Għarbi spiċċaw taħt xita ta' bombi, missili jaqgħu, oħrajn għaddejjin minn fuqhom, l-ispazju tal-ajru magħluq u saħansitra anki ajruplani tal-gwerra jaqgħu. Bliet bħal Dubaj, postijiet fil-Bahrain, fil-Qatar u fil-Kuwajt spiċċaw fil-mira tal-attakki. Fl-Arabja Sawdija fl-aħħar sigħat intlaqat impjant għar-raffinar taż-żejt. Kif għedt aktar qabel, Ċipru, Stat Membru tal-Unjoni Ewropea u pajjiż bħalna fil-baħar Mediterran, spiċċa wkoll fil-mira tal-attakki Iranjani minħabba l-bażi militari Ingliża li tinsab fil-pajjiż. Ċipru sofra

minn attakki bi drones Iranjani fuq il-bażi militari tar-Royal Air Force f'Akrotiri. Qraba tal-uffiċjali Ingliżi qed jiġu evakwati. Fil-Kuwajt ikkonfermata persuna mejta. Erba' membri tal-militar Amerikan tilfu ħajjithom fil-konflitt tal-Iran.

L-Iżrael sofra minn attakk ukoll fejn mietu minn tal-inqas disa' persuni hekk kif missila Iranjana rnexxielha tinfiltra s-sistema ta' difiża li għandu l-Iżrael (tal-Iron Dome) u laqtet il-belt ta' Bet Shemesh. Fl-istess waqt il-bumbardamenti madwar l-Iran, fosthom fil-kapitali Tehran, qatlu għexieren ta' nies ċivili fosthom, skont dak li ġie rapportat, tfal tal-iskola.

F'dak kollu li qed jiġri, fejn issa l-Iran qed jispara lura lejn pajjiżi fil-madwar tal-Golf Għarbi, qed tkompli teskala s-sitwazzjoni.

Pajjiżna u ċ-ċittadini tiegħu mhumiex għalkollox estranji minn dak li qed iseħħ madwarna. Sal-bieraħ filgħaxija kellna aktar minn 130 ċittadin Malti fir-reġjun li talbu l-assistenza tagħna jew tal-ambaxxati u l-konsolati li għandna biex jitilqu mill-postijiet affettwati. Id-Direttorat Konsolari tagħna jinsab f'kuntatt mal-Maltin li qed jgħixu f'dawn il-pajjiżi jew li nqabdu hemmhekk waqt żjara.

L-appell tagħna jibqa' wieħed ta' kawtela u biex in-nies fil-postijiet affettwati ma joħorġux minn djarhom. Ħriġna wkoll appell kontra vvjaġġar lejn dawn il-pajjiżi mingħajr bżonn. Bħalissa hemm helpline li qed taħdem 24 siegħa kuljum li permezz tagħha l-Ministeru għall-Affarijiet Barranin qed jagħti l-assistenza meħtieġa.

Sur President, dawn huma impatti li rajna fuq ċittadini tagħna f'dawn il-pajjiżi. Apparti minn hekk hemm l-impatti ekonomiċi. Minnufih rajna splużjoni fil-prezzijiet taż-żejt mindu seħħew l-attakki tas-Sibt li għadda fl-Iran. Mill-ewwel rajna qabża ta' 10% fil-prezz taż-żejt li issa laħaq it-82 dollaru l-barmil. Dan anke fl-isfond tal-attakki fuq tliet tankers fl-Istrett ta' Hormuz.

Il-prezz tal-gass naturali sploda 'l fuq b'25% bħala medja. Kien hemm mumenti llum fejn il-prezz tal-gass saħansitra tela' bi 42%.

Ilbieraħ, permezz ta' laqgħa urġenti tal-Kunsill għall-Ministri għall-Affarijiet Barranin tal-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea, għadda messaġġ importanti kontra l-għeluq tal-Istrett ta' Hormuz minn fejn jgħaddi madwar 20% taż-żejt u l-gass li jiġi trasportat għall-kumplament tad-dinja.

Sur President, is-swieq Ewropej ukoll ħadu daqqa 'l isfel b'impatti rrapportati fi Franza u l-Ġermanja. Quddiem dawn l-isfidi internazzjonali jien inwiegħed tmexxija soda u ffokata aktar minn qatt qabel. Inserraħ ras kulħadd li, min-naħa tiegħi, bħala Prim Ministru, u bħala Gvern, aħna all hands on deck. Fi żmien ta' inċertezza globali, aħna nibqgħu sodi, deċiżivi fl-azzjoni, ċari f'dak li rridu, u magħqudin bħala nazzjon. Il-poplu Għawdxi u Malti jaf li aħna dejjem konna hemm għalih fl-akbar sfidi internazzjonali li rajna f'dawn l-aħħar sitt snin - u minnhom kellna bosta - u se nibqgħu mal-poplu tagħna aktar minn qatt qabel.

Kien għaqli li s-sussidju fil-qasam tal-enerġija ma konniex bdejna, u m'aħniex se nibdew, bil-phasing out tiegħu, anke jekk kien hemm, sfortunatament, argumenti favur dan min-naħa l-oħra tal-Kamra, u saħansitra mill-Kummissjoni Ewropea nnifisha. Imma aħna bqajna sodi. Aħna bqajna fuq in-naħa tal-poplu. Għalina din l-għajnuna kbira li qed nibqgħu nagħtu u li se nibqgħu nagħtu, anke permezz tal-Baġit ta' din is-sena, tibqa' waħda sostenibbli għax l-ekonomija tagħna hija waħda b'saħħitha.

Imma ma jfissirx li għax qegħdin b'saħħitna llum għandna xi garanzija li se tibqa' hekk għal dejjem. Huwa minnu li l-ekonomija tagħna tibqa' stmata bħala waħda l-iktar b'saħħitha. Saħansitra r-rata ta' tkabbir ekonomiku tagħna tiżboq b'għaxar darbiet dik tal-Ġermanja - għaxar darbiet aktar, Sur President, u din mhijiex ċajta - u l-Fond Monetarju Internazzjonali qed jgħidilna li lanqas se jibqa' jiġi kull sena imma minflok se jiġi kull sentejn biss biex jagħmel check-up tal-ekonomija tagħna.

Fiċ-ċirkostanzi ta' bħalissa tapprezza aktar kemm ekonomija robusta hija litteralment kollox. Imma aħna m'aħna se nieħdu xejn for granted għax nafu li sitwazzjoni internazzjonali tista' tbiddel kollox. Għalhekk irridu nibqgħu ffokati fuq il-ħtiġijiet tal-pajjiż u li nilqgħu għall-impatti li ġejjin. Aħna qed insegwu s-sitwazzjoni u nevalwaw kontinwament. Nagħti garanzija waħda: li se nkunu dejjem fuq in-naħa tal-poplu biex insostnu u nilqgħu għall-impatti ekonomiċi li jistgħu jiġu. Jipproteġih quddiem dan kollu, il-poplu tagħna se jibqa' dejjem isib lili, se jibqa' jsib lilna ta' din in-naħa tal-Kamra. Quddiem sitwazzjoni taħraq nar fil-Mediterran u lil hinn minnu, it-tmexxija soda tagħna stands up to be counted: niddeċiedu, nipproteġu lill-poplu tagħna u nkomplu mexjin 'il quddiem.

Sur President, permezz tad-Deputat Prim Ministru u Ministru għall-Affarijiet Barranin Ian Borg, il-Gvern Malti wassal il-pożizzjoni tiegħu ta' kawtela minn kull parti involuta f'din il-gwerra. Dan b'rispett lejn il-liġi internazzjonali u biex nipproteġu ċ-ċittadini ċivili. Fuq kollox biex nippermettu djalogu madwar il-mejda biex l-affari ma tkomplix teskala aktar milli diġà eskalat. Pajjżna dejjem kien vuċi kostanti u importanti favur id-djalogu madwar il-mejda. Nemmen li dak l-eżerċizzju għandu jerġa' jirritorna. Dan nagħmluh filwaqt li nikkundannaw l-attakki indiskriminati li qed isofru pajjiżi ġirien f'dan ir-reġjun, fil-Golf Għarbi, fejn pajjiżna tkellem ukoll mat-tmexxija tagħhom.

F'mumenti bħal dawn, Sur President, ma nistax ma nosservax kemm hija prezzjuża n-newtralità ta' pajjiżna, u kemm kellna raġun, bħala Gvern, meta against all odds, konna persistenti fil-pożizzjoni tagħna li Malta tibqa' tgħożż in-newtralità tagħha. Daqstant ieħor il-fatt li f'Malta m'għandniex xi bażi militari. Jiftakar il-poplu tagħna meta jien, fil-fora internazzjonali, żammejt sod, minkejja l-pressjoni enormi li kelli fuqi internazzjonalment, u sfortunatamenet ngħid anke minn uħud min-naħa l-oħra tal-Kamra, biex Malta tipparteċipa fix-xiri tal-armamaneti tal-gwerra. Jien kont ċar u bqajt nippersisti billi ngħid LE, għax aħna nfittxu l-paċi u mhux il-konflitt permezz tal-armamenti. Għal dan il-Gvern is-sigurtà ta' pajjiżna qatt ma kienet, u qatt mhi se tkun, negozjabbli. F'kull kriżi ġeopolitika, l-interess nazzjonali jiġi l-ewwel u qabel kollox.

Fl-aħħar sigħat, id-Deputat Prim Ministru Malti Ian Borg wassal il-messaġġ ta' solidarjetà u l-pożizzjoni favur id-deskalazzjoni għal stabbiltà fir-reġjun. Dan wassalnieh kemm mad-Deputat Prim Ministru tal-Emirati Għarab Magħquda Abdullah Al Nahyan u mal-Prim Ministru u l-Ministru għall-Affarijiet Barranin Mohammed Al Thani. Lil dawn iż-żewġ pajjiżi nixtieq nirringrazzjahom ukoll li aċċertawna li ċ-ċittadini tagħna li qegħdin f'dawk il-pajjiżi li nzerta li skadielhom iż-żmien biex jibqgħu hemmhekk, se tiġi provduta lilhom akkomodazzjoni sakemm b'mod sigur ikunu jistgħu jirritornaw lura ġewwa pajjiżna.

Sur President, il-messaġġ tagħna favur ceasefire b'mod permanenti, jiġifieri waqfien mill-ġlied permanenti, jibqa' hemm. Jekk mhux se jsir hekk, mhux se nagħtu ċ-ċans għad-djalogu biex iseħħ u biex il-poplu Iranjan jilħaq l-aspirazzjonijiet tiegħu biex jimxi 'l quddiem fil-prosperità.

Fl-istess waqt, nieħu l-opportunità biex mal-appell għall-paċi, nirringrazzja lill-ħaddiema tal-Gvern Malti, partikolarment uffiċjali fi ħdan il-Ministeru għall-Affarijiet Barranin u Ewropej, kif ukoll l-uffiċjali tagħna u l-Ambaxxaturi fil-missjonijiet diplomatiċi li għandna fil-pajjiżi tal-Lvant Nofsani u l-Golf Għarbi. Nirringrazzjahom għas-sostenn li qed jagħtu liċ-ċittadini tagħna milquta f'sitwazzjoni li mhi xejn feliċi. Ħsiebna jibqa' fuq iċ-ċittadini ċivili.

Ejja nibqgħu nitkellmu u nimbottaw id-djalogu filwaqt li lokalment nibqgħu ffukati biex nipproteġu l-għajxien u l-kwalità tal-ħajja tal-familji tagħna billi nkunu t-tarka għalihom minħabba l-impatti ekonomiċi. Se nibqgħu nadvokaw għall-paċi u l-ħarsien sħiħ tal-liġi internazzjonali. F'mument bħal dan ta' sfida oħra internazzjonali rridu nintrefgħu 'l fuq minn dak li jġib il-partiġjaniżmu.

Sur President, se nibqa' naġġorna anke lin-naħa l-oħra tal-Kamra fuq dak li jkun ta' interess nazzjonali, speċjalment dak li qed iwettqu l-missjonijiet diplomatiċi ta' pajjiżna f'dan ir-reġjun. Kull sfida li se tkun qed tiżviluppa fis-sigħat li ġejjin, jien bħala Prim Ministru, flimkien mal-Kabinett kollu tal-Ministri, se nkunu qegħdin nindirizzawha b'azzjoni immedjata u kordinata.

Sur President, se nagħmlu kollox biex inħarsu l-interessi tal-familji u n-negozji Għawdxin u Maltin. Il-messaġġ tiegħi illejla huwa ċar: aħna fil-kontroll sħiħ tas-sitwazzjoni, qed naġixxu b'kuraġġ u b'responsabbiltà u m'aħna se nħallu xejn jhedded lis-sigurtà ta' pajjiżna. Meta hemm tmexxija soda u ffokata, il-poplu Malti jkollu s-serħan il-moħħ.

U dan hu dak li qed niggarantixxu, u se nkomplu niggarantixxu speċjalment quddiem sitwazzjoni taħraq bħal din: Stabbiltà, Tmexxija Soda, u Serħan il-moħħ. Mal-pajjiżi li qatt ma kienu involuti f'dan il-konflitt fosthom l-Emirati Għarab Magħquda u l-Qatar, mill-ġdid nesprimi s-solidarjetà u l-bżonn li nibqgħu nitkellmu ħalli l-partijiet konċernati jiġu flimkien u jirrenjaw id-djalogu u l-paċi. Jekk jirbaħ id-djalogu, tirbaħ l-umanità. Igawdu ċ-ċittadini ċivili li bħalissa għandhom inċertezza u biża' fuq li jkomplu għaddejjin bil-ħajja tagħhom ta' kuljum. Jerġgħu jiftħu l-iskejjel, terġa' tirrenja n-normalità u b'mod ġenerali jgawdi kulħadd.

Dan huwa dak li se nkomplu nimbottaw. Aħna favur stabbiltà li tibqa' ċ-ċavetta għall-prosperità tal-familji u n-negozji

Grazzi, Sur President.